

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq l-allegat ksur tal-prinċipji tal-legalità ta' l-atti Komunitarji, ta' l-applikazzjoni temporali ta' l-atti Komunitarji u taċ-ċertezza legali in kwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliu ma mmotivax is-sentenza tiegħu fir-rigward tal-punti relattivi għall-applikazzjoni, f'dan il-każ, tar-regoli li jinsabu kemm fir-Regolamenti tal-Persunal il-qodma kif ukoll dawk ġodda.

Barra minn hekk, l-appellanti tallega li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliu biddel l-elementi tal-fatti li ġew sottomessi għall-evalwazzjoni.

Hija tinwoka wkoll żball ta' evalwazzjoni u ksur mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliu ta' l-Artikoli 11, 12, 17 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal in kwantu dan ma mmotivax legalment is-sentenza tiegħu minkejja li approva l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif effettwata mid-deċiżjoni kkontestata fl-ewwel istanza.

Fl-aħħar nett, l-appellanti tallega li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliu kiser ukoll il-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 6(1) u (13) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2008 — Evets vs L-UASI (DANELECTRO)

(Kawża T-20/08)

(2008/C 64/98)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Evets Corporation (Irvine, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: S. Ryan, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet tal-parti rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni R 603/2007-4 tar-Raba' Bord ta' l-Appell tal-5 ta' Novembru 2007;
- tiddikjara, minflok, li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* saret fit-termini previsti fl-Artikolu 78(2);
- tordna li l-każ jintbagħat lura lir-Raba' Bord ta' l-Appell sabiex tiġi ttrattata l-kwistjoni fil-mertu dwar jekk itteħditx l-

attenzjoni kollha meħtieġa għat-tiġdid tat-trade mark ikkonċernata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark Komunitarja verbali "DANELECTRO" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 15 — applikazzjoni Nru 117 937

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni Legali u ta' l-Amministrazzjoni tat-Trade Marks:* Ċaħdet l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* u ddikjarat it-trade mark bħala li ġiet ikkanċellata

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Ċaħad l-appell u ddikjara l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* bħala li ma ġietx ippreżentata

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 78(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94.

Ir-rikorrenti tissottometti li l-kwistjoni ta' l-osservanza tat-terminu ta' xahrejn, stipulat mid-dispożizzjoni hawn fuq iċċitata, għall-preżentata ta' l-applikazzjoni għat-tiġdid ta' reġistrazzjoni ta' trade mark u għall-ħlas tad-drittijiet ta' tiġdid, ma kinitx tifforma parti mill-appell. Fil-każ li l-Qorti tal-Prim'Istanza tiddeċiedi li l-Bord ta' l-Appell ġustament eżamina din il-kwistjoni, ir-rikorrenti targumenta, b'mod sussidjarju, li t-terminu ta' żmien ġie kkalkulat b'mod żbaljat.

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2008 — Evets vs L-UASI (QWIK TUNE)

(Kawża T-21/08)

(2008/C 64/99)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Evets Corporation (Irvine, l-Istati Uniti) (rappreżentant: S. Ryan, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni R 604/2007-4 tar-Raba' Bord ta' l-Appell tal-5 ta' Novembru 2007;